# Linji gwida sabiex tevita l-problemi meta tibbukkja akkomodazzjoni online



RODERICK AQUILINA
Koordinatur ECC Malta




Dan huwa perjodu fejn ħafna minna jibdew jaħsbu fejn se jibbukkjaw għal xi btala barra minn Malta. Permezz ta' dan l-artiklu ċ-Ċentru Ewropew tal-Konsumatur f'Malta jixtieq jinfurmakom dwar id-drittijiet li għandkom bħala konsumaturi kif ukoll dak kollu li għandkom toqogħdu attenti għalih biex tevitaw kemm jista' jkun li tkunu ddiżappuntati qabel u waqt il-perjodu tal-akkomodazzjoni.

Inti tista' tagħżel li tibbukkja l-akkomodozzjani kemm b'mod individwali kif ukoll ma' aġent lokali jew ma' aġent reġistrat fi Stat Membru ieħor fl-UE. Ħafna jagħżlu li jibbukkjaw b'mod individwali għal diversi raġunijiet, fosthom biex ma jkunux marbuta ma' dati u skeda bħal meta wieħed jibbukkja tour mingħand aġent. Jekk wieħed jidħol online jsib diversi pjattaformi li joffru numru kbir ta' akkomodazzjonijiet f'diversi pajjiżi. B'hekk permezz ta' dawn il-pjattaformi mill-kumdità ta' darek int tkun tista' tqabbel il-prezz kif ukoll is-servizzi li l-akkomodazzjoni tkun qed toffri. Bħala Ċentru aħna dejjem nagħtu l-parir sabiex wieħed jibbukkja post tal-akkomodazzjoni li tkun tista' tikkanċella mingħajr ħlas, dak li bl-Ingliż nirreferu għalih bħala l-free cancellation policy. Meta inti tibbukkja b'dan il-mod, ikollok serħan il-moħħ li tista' tikkanċella sad-data stabbilita. Din normalment tkun bejn 24 u 72 siegħa qabel ma inti tqatta' l-ewwel lejl, mingħajr l-obbligu li tagħti spjegazzjoni u mingħajr obbligazzjoni ta' ħlas.

Qabel tikkonferma, għandek dejjem taqra t-termini u l-kundizzjonijiet għaliex mhux kull post ta' akkomodazzjoni joffri l-istess termini u kundizzjoniet, speċjalment id-dritt li tikkanċella mingħajr ħlas. L-idea li kull oġġett jew servizz għax ikun inxtara online għandek 14-il ġurnata ċans fejn inti tkun tista' tibdel fehmtek hija waħda żbaljata. F'dan il-każ speċifiku dan id-dritt ma japplikax. Japplikaw biss it-termini u l-kundizzjonijiet li inti tkun aċċettajt meta bbukkjajt l-akkomodazzjoni.

Ħafna mill-pjattaformi online fejn inti tista' tibbukkja akkommodazzjoni jaġixxu biss bħala intermedjarji bejnek u s-sid tal-akkomodazzjoni. Dan ifisser li jekk l-akkomodazzjoni ma tkunx kif deskritta, il-pjattaforma ma tkunx dirrettament responsabbli. Ladarba inti tagħmel l-ilment tiegħek, il-pjattaforma tkellem lil sid il-post tal-akkomodazzjoni biex tipprova tasal għal kompromess. Il-pjattaforma tkun responsabbli biss jekk il-problema tkun relatata mal-prenotazzjoni. F'dan il-każ, il-pjattaforma tkun responsabbli biex tirrifondik lura dak li tkun ħallast, bħal pereżempju meta l-prenotazzjoni ma tkunx ġiet ipproċessata kif suppost u minħabba f'hekk sid il-post jew il-lukanda ma jkunux ġew infurmati bil-prenotazzjoni tiegħek.

Ġieli kellna sitwazzjonijiet, għalkemm mhux komuni, fejn il-konsumatur jindunа li l-post ma jkunx għadu miftuħ meta jasal fid-destinazzjoni. Din tkun waħda mill-agħar esperjenzi li tista' tiltaqa' magħha u li sfortunatament tħarbatlek il-pjan tal-btala kollu. Minħabba dawn ir-raġunijiet hu dejjem rakkomandabbli li tħallas permezz ta' pagament sigur bħalma huma l-karti ta' kreditu fost oħrajn. Apparti hekk għandek dejjem tivverifika minn qabel li l-informazzjoni bħal ritratti tal-post kif ukoll l-indirizz huma korretti. Tista' tivverifika faċilment billi tmur fuq il-website oriġinali jew pjattaformi oħra online u tqabbel l-informazzjoni mogħtija lilek. Apparti minn hekk, ikun għaqli illi wieħed ifittex għall-opinjoni ta' konsumaturi li jkunu diġà qagħdu fil-post partikolari.

Sfortunatament ikun hemm sitwazzjonijiet fejn il-post ma jkunx skont dak deskritt jew agħar minn hekk il-livell ta' iġene jkun wieħed baxx ħafna. Huwa rakkomandabbli li dejjem iżżomm il-provi kollha relatati mal-ilment bħal korrispondenza kif ukoll xi ritratti u vidjows bħala evidenza tal-ilment tiegħek. Wara mur kellem lil min hu responsabbli jew sid il-post u spjega d-diskrepanzi li sibt meta mqabbla ma' dak li kien hemm miktub fuq il-pjattaforma. Jekk tibqa' ma tingħatax rimedju involvi direttament lill-pjattaforma sabiex tipprova tilħaq soluzzjoni. F'każ li jibqa' ma jinstabx rimedju, staqsi lill-pjattaforma għal rimedju bħal akkomodazzjoni f'post ieħor.

Fejn ma jirnexxilekx tasal għal soluzzjoni amikevoli u n-negozjant ikun ibbażat fi Stat Membru, inkluż l-Iżlanda, in-Norveġja u r-Renju Unit, tista' tagħmel kuntatt maċ-Ċentru tal-Konsumatur ta' Malta (ECC-Net Malta) biex niggwidawk u nfehmuk aħjar dwar x'inhuma d-drittijiet tiegħek u r-rimedji li tista' titlob. Importanti wkoll tkun taf ma' min qed tagħmel il-prenotazzjoni, minħabba l-fatt li bħala Ċentru nkunu nistgħu naċċettaw l-ilment tiegħek biss jekk it-transazzjoni tkun saret bejnek u negozjant reġistrat.